MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2984/1996/1

**Pawlu u Deborah konjugi Baron**

**Vs**

**Thos. C. Smith Insurance Services Ltd bhala agenti ta' Siat**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-esponenti huma propjetarji ta' 'craft" bl-isem "Phantom" kif ukoll magna "Mariner Outboard" 200 li kienu fil-post tas-soltu f'Wied il-Ghajn fil-21 ta' Awissu 1995 pero l-esponenti indunaw li kienu neqsin l-ghada fit-22 ta' Awissu 1995 ;

Premess illi l-atturi debitament rapportaw fit-22 ta' Awissu 1995 l-Ghassa Haz-Zabbar li l-imsemmi craft u outboard motor 200 Mariner kienu neqsin u fil-fatt l-istat ta' fatt baqa' l-istess ;

Premess illi l-imsemmi "craft" u "marine outboard" kienu koperti b'assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta li maghha saret claim nru 001574/194/001 in segwitu ta' din is-serqa ;

Premess illi l-istess socjeta' konvenuta wara li sar il-claim mill-atturi qed tirrifjuta tottempera ruhha mal-kondizzjonijiet tal-polza debitament mahruga ghal dan l-iskop bir-rizultat li naqset li thallas l-ammont dovut lill-attur skond l-istess polza bhala konsegwenza ta' din is-serqa;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li s-serqa in kwistjoni hija koperta bil-polza tal-assikurazzjoni 001574/194/001 rilaxxata mis-socjeta' konvenuta assikuratrici kif intqal, liema polza giet debitament mahruga mill-istess socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' din is-serqa;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas dak l-ammont li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet;

1. Illi preliminarjament l-azzjoni proposta mill-atturi hi preskritta billi l-allegata telf sehh fit-22 ta' Awissu 1995 u l-kawza giet presentata fil-15 ta' Ottubru 1996 u cioe ghaddew iktar minn tnax il-xahar mid-data tal-allegata

akkadut sa meta inbdiet l-azzjoni u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost ic-citazzjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ghaliex meta l-attur mela l-proposal form huwa ta informazzjoni hazina u ddikjara li ma kellux claims jew “losses” precedenti meta fil-fatt kellu u ghalhekk s-societa’ konvenuta ma ghandhiex thallas ghal allegati danni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur jrid jipprova li l-allegata serqa saret tassew u li l-valur allegat tal-oggetti huwa gust u korrett.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni taghha a fol. 66 li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob l-hlas ta’ “*craft*” u “*marine outboard*” li kienu assigurati mas-socjeta’ konvenuta u li kienu nsterqu.

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jirritjenu li meta l-attur mela l-proposal form huwa ta informazzjoni hazina u ddikjara li ma kellux *claims* jew “*losses*” precedenti meta fil-fatt kellu u ghalhekk s-societa’ konvenuta ma ghandhiex thallas ghal allegati danni.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi "il-*proposal form* hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (Vol. XXXVI, P.II, p.610)

Gie ritenut ukoll  illi "il-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-history taghha bhala is-soggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista' b'xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza.  L-istess kif id-ditta assiguratrici  hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu jkollha.  Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' *uberrimae fidae* u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima *bona fede* meta jiffirmawh".

"*The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, that is of utmost good faith.  As a result, the potential parties to it are bound <u>to volunteer to each other</u> before the contract is concluded information which is material*" (John Birds Modern Insurance Law 1977 p.100). Fil-kawza "Carter vs. Boehm" Lord Mansfield jiddikjara "*good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary……….. The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encourage good faith.  It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect*".

Illi fil-proposal form li l-attur mela hu kien gie mistoqsi jekk dawn l-ahhar <u>hames snin</u>  kellux "*accidents, losses or claims .. in any craft that you may have owned or handled*" (ara fol. 50 ). Gie mistoqsi ukoll "*to detail any information you consider material or which might influence the Underwriter in his assessment of your proposal*" (ara fol 52). Fiz-zewg kazi l-attur ma kellu ebda informazzjoni x'jaghti.

L-attur xehed li hu kien mela l-*proposal form* ghand *broker* Haz Zabbar. Il-formola kienet imlietha l-iskrivana, Sandra Buttigieg, li ghamlitlu d-domandi u hu wegibha. Kienet staqsitu jekk kellux *claims* dawn l-ahhar sentejn u wigiebha li kienu ghaddew sentejn minn meta kellu *claim*. Qaltlu biex jerga jghaddi ha ggib risposta minghand il-konvenuti u meta rega mar qaltlu li l-konvenuti kienu accettaw il-*proposal*. L-attur ma tellghax lill dina Sandra Buttigieg biex tixhed u tikkonferma dak li qal li qaltlu.

Jirrizulta mill-provi li precedentement li l-attur kellu *claim* erba' snin qabel fuq l-istess *speed boat*.

Effettivament id-domanda li kien hemm fil-*proposal form* kienet tirreferi ghal *claims* jew *losses* li l-attur setgha kellu dawn l-ahhar hames snin u mhux sentejn. Il-konvenut ikkonferma li l-*proposal form* li hija ffirmata minnu.

Il-Qorti tqis li l-obbligu *to disclose material information*, kien fuq kollox u qabel xejn jinkombi fuq l-attur li kien fid-dover li ***sua sponte*** u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-dispozizzjoni tas-socjeta' assikuratrici. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Briffa vs Camilleri 9 ta' Frar 2001 u kwotata b'approvazzjoni fl-Appell Sammut vs Middlesea 14/5/04 dana l-obbligu jezisti: *"rrispettivament minn jekk hu (l-attur) kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` li jaghmel hekk"*.

Inoltre meta l-*proposal form* tigi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna ohra, din titqies li mliet il-formola ghall-proponent, u mhux ghall-assikuratur. Din l-persuna titqies bhala l-mandatarju ta' l-assikurat u jekk dana jonqos l-konsegwenzi jbatihom l-assikurat - salv kull rimedju li dan jista' jkollu kontra l-mandatarju tieghu taht il-ligi. Inolre huwa dmir ta' l-assikurat li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li se jiffirma, u jekk ma jaghmilx hekk, irid ibati l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu. Meta jkun hemm skrittura ffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura (ara Kum. Zammit vs Micallef 31/1/1952; PA Vassallo vs Azzopardi 21/4/1999).

Dwar x'inhu meqjus bhala materjali, gie ritenut illi "*the fact that the proposer has suffered losses (of cars) on previous occasions has been held to be material*" (Fire and Motor Insurance Ivamy 3rd edition, (1978) p.203). Ghalhekk l-attur kellu l-obbligu li jirrapporta s-serqa ta' *marine craft* u *outboard engine* li kellu precedentement. Il-fatt li dan m'ghamlux certament kien fattur li nducha lill assikurazzjoni fl-izball li tohrog il-polza, liema polza ma kienetx tohrogha li kieku kienet taf il-verita'.

L-attur issottometta wkoll li l-konvenut dejjem accettaw il-*premium* minghandu u ghalhekk is-socjeta' konvenut kellha tonora l-obbligi minnha assunti u thallsu tal-*claim* li ghamel.

Illi dana l-argument pero' ma jregiex. Il-fatt li s-socjeta' konvenuta accettat il-*premium* ma jistax jigi interpretat bhala xi abdikazzjoni ghad-dritt ta' l-assikurazzjoni li thassar il-polza jekk jirrizultalha li kien hemm *non-disclosure*, lanqas ma jista' jinghad li kien hemm ratifika mill-assikurazzjoni meta l-fatti veri kienu injoti ghas-socjeta' konvenuta (ara sentenza PA PS Mizzi vs Grech 3/10/2003).

Fil-fatt fil-polza ta' assikurazzjoni ta' l-attur hemm imnizzel li "*The truth of the statements and answers in the Proposal and all information given to the Company about the risk shall be conditions precedent to any liability of the Company to make any payment under the Policy*. (fol 58).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta' l-atturi
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------